## Relazzjonijiet

Il-miġja ta' tarbija dejjem toħloq stress xi ftit jew wisq, bejn il-ġenituri. Dan l-istress jiżdied jekk il-ġenituri jkunu anzjużi fuq l-effett ta' l-epilessija fuq il-familja. Tajjeb li tkunu miftuħin ma' xulxin u tgħidu dak li qed tħossu. Dan jgħin biex it-tensjoni u l-istress jonqsu. Il-ġenituri għandhom jikkonsidraw il-bżonnijiet ta' xulxin. Il-ġenituri għandhom mnejn iħossuhom 'l bogħod mit-tarbija minħabba l-prekawżjonijiet li qed jieħdu meta jkunu weħidhom u forsi jkollhom bżonn ta' xi ħin li jżommu u jħaddnu t-tarbija meta l-ġenitur l-ieħor jasal id-dar.

## Konklużjoni

Bħala ġenitur bl-epilessija int tkun diġà qed tieħu prekawżjonijiet id-dar qabel il-wasla tat-tarbija. Il-kura u l-attenzjoni meħtieġa biex tassigura saħħet it-tarbija minn xi aċċident huma estensjoni ta' dawk il-prekawżjonijiet li int tkun diġà ħadt. Żieda fil-familja għandha tkun ta' ferħ u m'għandhiex tiġi mgħarrqa b'ħafna ansjetà żejda. Jekk għandek x'jinkwetak, ikkuntattjana.

**CARITAS (MALTA)**
**EPILEPSY ASSOCIATION**

Caritas (Malta) Epilepsy Association ġiet imwaqqfa fl-1996, fi ħdan il-Caritas. Din l-assoċjazzjoni kienet imwaqqfa bil-għan li tgħin lill-persuni li jbatu bil-kundizzjoni ta' l-epilessija u l-familji tagħhom. Dan isir billi l-ewwel ngħinuhom jaċċettaw din il-kundizzjoni, u b'hekk ikunu jistgħu jgħixu ħajja ħienja u normali.

Fil-mument l-assoċjazzjoni għandha 'l fuq minn 200 membru, li minnhom xi 150 ibatu bl-epilessija. Huwa stmat li f'Malta u Għawdex hemm iktar minn tlett elef persuna li jbatu bl-epilessija. Il-grupp huwa membru ta' l-International Bureau of Epilepsy u EYIE (International Youths in Europe).

Darba fix-xahar ikollna laqgħa għall-membri, it-tieni ġimgħa ta' kull xahar bejn is-6.00 p.m. u s-7.30 p.m. Nixtiequ navżaw li dak li jingħad fil-laqgħa jibqa' kunfidenzjali u m'għandux jingħad barra. Għal aktar informazzjoni tistgħu tikkuntatjaw lil:


**CARITAS (MALTA) EPILEPSY ASSOCIATION**
**5, Lion Str., Floriana, Malta.**
**Tel: 21233933; 21245358; 2590 6600; 3290 2845**

E-mails: Godcac@global. net. mt
Zenit@maltanet. net

Websites: www.caritasmalta.org/page01.htm
www.epilepsia.fi/info/linkit.htm



CARITAS MALTA
EPILEPSY
ASSOCIATION
5 Lion Street, Floriana
Tel: 21233933 - 21245358


# ĠENITURI BL-EPILESSIJA



ĠENITURI BL-EPILESSIJA

# ĠENITURI BL-EPILESSIJA

## Introduzzjoni

Ħafna drabi l-wasla ta' tarbija ġdida fil-familja tfisser taqliba fil-proċedura normali tad-dar. Bħala ġenitur bl-epilessija ta' tarbija ġdida, int ser ikollok bżonn tieħu kura iktar mis-soltu għall-ġid ta' saħħet it-tarbija. Kull ma' għandek tagħmel hu li tieħu ftit prekawzjonijiet biex tnaqqas ir-riskju ta' aċċidenti kif ukoll biex tnaqqas l-ansjetà tiegħek bħala ġenitur. Uħud minn dawn li ġejjin huma iktar relevanti minn oħrajn, skond it-tip ta' aċċessjonijiet li jagħtuk. Ġenitur li għandu aċċessjonijiet frekwenti u mingħajr sinjali minn qabel, partikolarment jekk jintilef minn sensih għandu bżonn jieħu iktar prekawzjonijiet minn dak li jagħtuh ftit u jħosshom ġejjin.

## Regoli ġenerali għas-sigurtà tas-saħħa

Hemm prekawzjonijiet normali li kull ġenitur ta' tarbija għandu jieħu. Dawn jgħoddu għal kull ġenitur, għandu jew m'għandux epilessija.
Uħud jagħmlu xatba fid-daħla tal-kċina biex jevitaw li tfal imissu xi bieb ta' xi forn jaħraq meta tkun aljenata jew mitlufa minħabba xi aċċessjoni. Hawn min jagħmel xi ostaklu quddiem il-kuker biex jevita xi diżgrazzja ta' xi ilma jaħraq, eċċ. Xatba quddiem it-taraġ hija idea tajba u l-użu tal-*playpen* huwa rrakkomandat meta tkun qed tgħaddi l-ħwejjeġ jew tagħmel xi xogħol ieħor tad-dar. Il-plakek ta' l-elettriku għandhom jitgħattew bi plakek tal-plastik li tista' tixtri mingħand taż-żebgħa.

## Il-Banju

Jekk tintilef waqt l-aċċessjonijiet, hija ħaġa tajba kieku tħalli l-ħasil tat-tarbija għal meta jkun hemm xi ħadd id-dar. Ħinijiet oħra tista' tuża sponża biss bit-tarbija fil-kot, jew fuq xi plastik fl-art, bil-fliskatur 'l bogħod biex ma tolqtux jekk taqa'. Issib tixtri *babysitter* li qiegħed apposta biex iżżomlok it-tarbija f'postha waqt il-banju.

## Il-Ġarr

Jekk jagħtuk aċċessjonijiet ta' spiss u f'daqqa, u tintilef minn sensik, ikun aħjar li tevita li ġġorr it-tarbija f'idejk jekk tkun waħdek. Tista' twaħħal roti mal-*carrycot* u tmexxih hekk.

## L-Ikel

Kemm jekk int omm qed tredda' kif ukoll jekk int missier tagħti l-*bottle* tista' tnaqqas ir-riskju li twaqqa' t-tarbija f'kas li jagħtik aċċessjoni. Poġġi bilqiegħda darek mal-ħajt, u poġġi mħadda kull naħa biex it-tarbija tiġi fuqhom jekk iħossok ħażin. Jekk int dejjem taqa' fuq l-istess naħa, żomm it-tarbija fuq in-naħa l-oħra, biex jekk taqa' ma tiġix fuqha. Ħafna mill-*highchairs* tista' tbaxxihom u tgħollihom. F'każ ta' tarbija ikbar fl-età żommha baxxa kemm jista' jkun u poġġi bilqiegħda ħdejn waqt li titimgħu.

## Bdil ta' ħrieqi

L-istess ħaġa. L-aħjar, din għanda ssir fl-art fuq biċċa plastik, għax it-tarbija tista' ddur u taqa minn fuq xi għamara jew sodda jekk jagħtik ħass ħażin. Kemm jista' jkun oqgħod għarkubbtejk fil-ġenb meta qed tbiddilu biex tevita li taqa' fuqu f'każ ta' aċċessjoni.

## Mediċini

Ħafna ommijiet jibżgħu li l-mediċina tagħhom tgħaddi għand it-tarbija waqt it-treddigħ. Din tkun negliġġibli u mhux ser taffettwa lit-tarbija. Tkellem mat-tabib u ħu parir.

It-tfal iħobbu jimitaw il-kbar. Tħallix il-pilloli fejn jilħaqhom, għax jipprova jagħmel bħalek.

## Barra mid-dar

Meta tkun qiegħda barra bil-pram, tkun idea tajba li torbot xi ċinga bejn idejk u l-pram. Dan biex il-pram ma titlaqx weħidha f'każ li jagħtik aċċessjoni. Iċ-ċinga għandha tkun twila biżżejjed biex int ma tiġbidx il-pram u taqlibha meta taqa'
Riedni jżommu lit-tfal milli jitilqu weħidhom jekk jagħtik ħass ħażin fit-triq, u t-tfal dejjem għandhom ikollhom xi forma ta' identifikazzjoni fuqhom għal li jista' jkun jintilfu. Għandek ukoll tipprova tgħallimhom biex jibqgħu ħdejk meta jagħtik ħass ħażin, sakemm tiġi f'tiegħek.



## Tispjega l-epilessija

It-tfal ser jallarmaw ruħhom meta jarawk tintilef b'aċċessjoni jekk ma jkunux jafu biha. Mela importanti li inti tispjega lit-tfal kemm jista' jkun kmieni, u dejjem tkattar l-informazzjoni kif jikbru.